MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 29/2006

Maltacom plc

vs

Brian Psaila

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' elf u sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1,027.35) rapprezentanti in kwantu s-somma ta' sitt mija u sbatax il-lira Maltin u disa' centezmi (Lm617.09) ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon bin-numu 21563705 (A/C no.40020689) installat fil-fond bin-numru 85, Main Street, Sannat, Ghawdex, is-somma ta' tliet mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm382.22) ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21521740 (A/C no. 40007590) installat fil-fond bin-

numru 232/233, Villa Damascene, Triq Ghajn Zejtuna, Santa Maria Estate, Mellieha, Malta, u s-somma ta' tmienja u ghoxrin lira Maltin u erbgha centezmi (Lm28.04) ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21376548(A/C no.40007831) installat f'1271 Portomaso, St. Julians, Malta, skond kif jidher mill-kopja tat-tliet service agreements hawn annessi u immarkati bhala dokumenti “A”, “B”, u “C”.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fil-10 ta' Lulju 2006, u baqa' ma dahhal ebda risposta fit-terminu biex jikkontesta t-talba attrici.

Billi ghalkemm innotifikat regolarment il-konvenut baqa' ma deherx ghall-udjenzi tat-12 ta' Jannar 2007 u tal-31 ta' Jannar 2007, u dan wara li kull darba l-kawza giet debitament imsejha skond il-ligi u l-konvenut imsejjah diversi drabi, l-konvenut baqa' xorta wahda ma deherx, u dan bla ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehera tieghu.

Sema' bil-gurament lil Emanuel Cini, *customer service officer* mas-socjeta' attrici.

Ra l-provi u d-dokumenti kollha esibiti.

Ra li fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2007, is-socjeta' attrici ddikjarat li s-sorte thallas kollu mill-konvenut u kien fadal biss li jithallsu l-ispejjez konnessi mal-avviz tat-talba. Is-socjeta' attrici pero' zammet ferm it-talba taghha ghall-hlas dwar il-kap tal-ispejjez.

Wara li ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenut li jhallas l-ispejjez kollha konnessi mat-talba tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------